MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 477/1999/1

**Anthony Grixti**

**Vs**

**Carmen Zerafa; id-Direttur ta' Registru Pubbliku; u b'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Ottubru 1999 gew nominati Dr. Deborah Huber u PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil minuri Clivert Zerafa**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti kellhom tifel illegittimu, Clivert li twieled fit-8 ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li qed jigi esebit bhala Dokument A;

Premess illi l-konvenuta qatt ma kienet infurmat lill-attur li kienet ser tirregistra t-tarbija fuq kunjomha u dan meta hu kien il-missier bijologiku tat-tarbija;

Premess illi ghalhekk isegwi, illi l-attur, qatt ma seta' jirrikonoxxi lil ibnu fl-att tat-twelid u li ghalhekk gie imnizzel bhala "*unknown father*", kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit u mmarkat bhala Dokument A;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-attur bhala l-missier naturali u bijologiku tat-tifel clivert;

2. Tordna li jizdied l-isem tal-missier l-attur, b'annotazzjoni fil-kolonna "Isem u kunjom u post ta' twelid tal-Missier" fl-Att tat-Twelid esebit u dan ai termini ta' l-Artikolu 289 (1) u 291 (1) tal-Kap. 16 tal-Lijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx edott mill-fatti kif dikjarati mill-attur u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi migjuba u ghal gudizzju ta' din il-Qorti;

2. Illi ghal skopijiet ta' certezza u korrettezza, l-attur kellu jindika d-dettalji personali li huwa talab li jigu nseriti fl-att tat-twelid numru 4250/96;

3. Illi huwa ma kellux ibati l-ispejjez ta' l-istanti;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Deborah Huber u l-PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri Clivert Zerafa illi fiha huma eccepixxew:-

1. Illi l-eccipjenti ma kienux edotti mill-fatt tal-kaz u ghalhekk irrizervaw illi jissottomettu nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta' Ottubru 1990 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-azzjoni l-attur, ragel mizzewweg, qed jitlob dikjarazzjoni ta' paternita` fis-sens li jigi dikjarat li hu missier it-tifel minuri imwieled mir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta Carmen Zerafa, xebba. Dan ghaliex fl-Att tat-Twelid tieghu l-minuri gie dikjarat li twieled *ex ignoto padre*. Id-dritt ta' azzjoni bhal din hu moghti lill-attur minn dak dispost fl-Artikolu 87 (2) li jippreciza li: "kull dikjarazzjoni ta' paternita` jew maternita` maghmula xort' ohra (jigifieri, mill-att tat-twelid jew b'att iehor pubbliku skond subinciz 1) minn wiehed mill-genituri, jew mit-tnejn,

tista' biss tingieb bhala prova fil-filjazzjoni f'kawza ta' filjazzjoni";

Mistoqsija *expressis* il-konvenuta l-ghala, meta ghamlet id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid tat-tifel, ma ndikatx lill-attur bhala missieru, wiegbet dan:-

"... jien ma kontx naf li stajt innizzel isem il-missier, peress illi kont xebba u l-attur kien mizzewweg, u ghalhekk nizzilt ismi u kunjomi biss."

Il-provi f'din il-kawza juru li l-attur u l-konvenuta kellhom relazzjoni karnali flimkien u dan wara li saru midhla ta' xulxin fl-1995 (Affidavit ta' l-attur a fol. 36). Skond il-konvenuta dan ir-rapport ghadu jezisti u fir-rigward tistqarr li "ghad ghandna relazzjoni bejnietna" (fol. 42);

Ir-rizultat ta' din ir-relazzjoni intima kien il-koncepiment tal-minuri li imbaghad twieled fit-8 ta' Ottubru 1996 (fol. 5);

Huwa konfermat miz-zewg partijiet illi fil-perjodu tal-koncepiment il-konvenuta ma kienetx taf irgiel ohra u ma kellha l-ebda relazzjoni sesswali barra mir-rapport taghha ma' l-attur;

Il-Qorti hija lesta li taccetta din il-prova u x-xewqa ta' l-attur li jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-iben naturali tieghu. Dan anke ghaliex f'dan il-kaz ma qeghda issir l-ebda kontestazzjoni tal-legittimita` tat-tifel jew l-impunjattiva ta' l-att tat-twelid tieghu fil-konfront tal-missier prezunt. Il-konvenuta kienet u ghadha xebba, u l-ispjega minnha moghtija l-ghala ma ndikatx lill-attur bhala missier it-tifel hi wahda, kollox ma' kollox, plawsibbli;

Il-Qorti imbaghad f'kaz bhal dan thares lejn il-vantagg li jikseb il-minuri minn dan ir-rikonoxximent. L-istatus tieghu ma jibqax dak ta’ iben imwieled minn missier mhux maghruf;

Hemm imbaghad il-vantagg li jakkwista l-minuri, u dan mhux biss mill-ottika tal-benessere materjali daqskemm mill-otteniment tad-drittijiet guridici akkwiziti minn dan ir-

rikonoxximent, kompriz il-holqien ta' nukleu familjari, socjalment maghruf. Rigwardat ukoll f'dan l-isfond hemm id-drittijiet li jitnisslu mit-tutela legali favur dak il-genitur li jkun irrikonoxxa t-tifel illegittimu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-Ewwel Talba attrici u tiddikjara lill-attur bhala l-missier naturali u bijologiku tat-tifel Clivert li twieled fit-8 ta' Ottubru 1996 mir-relazzjoni ta' l-attur mal-konvenuta Carmen Zerafa;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tawtorizza l-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid Numru 4250/1995 billi minnu jithassru l-kliem "Unknown Father" u dawn jigu sostitwiti bil-kliem "Anthony Grixti", "Dizokkupat", "32", "Pieta`", "Valletta", "Alfred, haj".

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku ta' l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------